**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 31 ta` Mejju 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Nru 102/2017 JZM**

**Adrian Abela**

***kontra***

**Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fit-18 ta` Dicembru 2017 li jaqra hekk :–

*Illi nhar is-sitta (6) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) ir-rikorrenti tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali b`reati relatati ma` pussess ta` drogi liema reati kienu jirrisalu ghas-sena elfejn u erbgha (2004) u cioe` erba` snin qabel ma tressaq l-ewwel darba quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta).*

*Illi l-imsemmija kawza giet deciza finalment nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta` Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u cioe` tmien (8) snin wara illi gie mressaq l-ewwel darba quddiem il-Qrati Maltin u tnax-il (12) sena wara li kkommetta tali reati.*

*Illi l-parti sostanzjali tal-proceduri surreferiti quddiem l-Qorti ittawwlu minhabba tortijiet attriwibbli lill-Prosekuzzjoni u sabiex tkun tista` tressaq il-provi taghha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti peress illi l-Prosekuzzjoni ghalqu l-provi taghhom biss definittavament nhar il-hmistax (15) ta` Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u cioe` seba` snin wara kienet intavolata l-kawza odjerna.*

*Illi d-dritt ghal smiegh xieraq* ***fi zmien ragjonevoli*** *ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta` gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Illi huwa dritt fundamentali ta` l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata fi zmien ragjonevoli, liema dritt huwa tassattivament imponut fuq kull Stat. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz* ***Vocaturo vs Italy*** *deciza fl-24 ta` Mejju tas-sena 1991 u fil-kaz* ***G.H vs Austria*** *deciza fit-3 ta` Ottubru tas-sena 2000 irriteniet :*

*"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtian a final decision on disputes relating to civil rights and obligations* ***within a reasonable time****"*

*Illi dan irid jittiehed fil-kuntest ta` dak li jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "****Major Manduca vs Il-Prim Ministru****", mghotija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta` Jannar 1995, fejn hemm ukoll referenza ghall-insenjament tal-ktieb ta` Van Dyke and CJF Van Hoof li jipprovdi li:*

*"Over burdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contacting parties have the general duty to organise the administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of article 6".*

*Illi hawn opportun li jirreferi ghal dak li gie ritenut fis-sentenza "****John Saliba vs Avukat Generali et****" (P.A. [S.K] [GCD] Rik. Nru. 625/97/GCD – 24 ta` April 1998) :*

*"Ghalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta z-zmien jibda jitqies bhala twil izzejjed, ghax `the reason of the duration of*

*proceedings covered by Art. 6 […] must be assessed in each case according to the circumstances` [Konig vs Germany], madanakollu meta z-zmien prima facie jidher twil, bhal ma indubbjament huwa fil-kaz tal-lum, ikun imiss ghall-istat intimati li juri li kien hemm cirkostanzi li jiggustifikaw dan id-dewmien (Santilli vs Italy, 19 ta` Frar 1991 [ECHR – A 194 - D])".*

*Illi in oltre fis-sentenza datata 14 ta` Novembru tas-sena 2002, fl-ismijiet **Central Mediterranean Development Corporation Ltd vs Avukat Generali**, il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghamlet referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u awturi barranin li sahqu li sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux ragonevoli, hemm bzonn li jigu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:*

***a) il-komplessita` tal-kaz;***

***b) l-imgieba tal-Qorti;***

***c) l-imgieba ta` min ikun qed jaghmel il-lament.***

*Illi meta wiehed iqieghed ic-cirkostanzi tal-kaz u zmien rilevanti ghal ilment tal-appellanti u jkejjilhom mal-kriterju hawn fuq imsemmija, wiehed ma jistax jasal ghal fehma li kien hemm dewmien gustifikabli fis-smigh ta` dan il-kaz jew li tali dewmien kien attribwibbli lir-rikorrenti. Iz-zmien mehud biex effettivament wassal sabiex ir-rikorrenti inghata sentenza kien wiehed li certament jaqbez iz-zminijiet li normalment jittiehed biex Qorti tiddisponi minn kazijiet simili.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. **TIDDIKJARA** illi t-trapass taz-zmien u d-dewmien irragonevoli li ttiehed sabiex gew konkluzi l-proceduri kriminali surreferiti, leda d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tieghu, hekk kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*2. **TAKKORDA** rimedju effettiv u taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u necessarju sabiex jigu sanciti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn indikat.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fl-4 ta` Jannar 2018 li taqra hekk :–

*Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li hu sofra lezzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Adrian Abela".*

*Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi huwa pacifiku konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta` process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita` tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta` l-awtorita` jew awtoritajiet relevanti – f`dan il-kaz l-agir ta` awtorita` gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta` smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.*

*Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tigi deciza u wisq inqas ma` kien hemm nuqqas mill-esponent.*

*Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda "time limit" li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu precudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.*

*Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` tikkonsidra b`mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-Ligi.*

*Illi finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessivita` tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz hu numru ta` snin sakemm gie finalment deciz ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.*

*Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-permess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.*

*Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-29 ta` Jannar 2018 fejn laqghet it-talba tar-rikorrent (mhux opposta mill-intimat) ghall-allegazzjoni tal-atti tal-kawza "Il-Pulizija vs Adrian Abela" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fit-28 ta` Ottubru 2016 li minnha ma kienx sar appell.

Rat l-atti tal-process allegat.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet fit-termini li kienu prefissi.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>

### 1. <u>Ir-rikorrent</u>

Ir-rikorrent jirrileva illi fil-kaz ta` **<u>Zimmermann and Steiner vs Switzerland</u>** tat-13 ta` Lulju 1983, l-ECHR kienet affermat illi l-Istati Membri kellhom l-obbligu *"to organize their legal systems so as to allow the*

*Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time"* (ara wkoll : **Vocaturo vs Italy** deciz fil-24 ta` Mejju 1991 ; u **GH vs Austria** tat-3 ta` Ottubru 2000.)

Skont **van Dijk** u **van Hoof Dick** fil-ktieb **Theory and Pratice of the European Convention on Human Rights :-**

*"When the length of the relevant period has been established, it must be subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case."*

Anke l-qrati taghna sahqu fuq il-htiega li kemm proceduri kiminali kif ukoll dawk civili ghandhom jigu determiniati fi zmien ragjonevoli. Fil-kawza **John Saliba vs Avukat Generali** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta` April 1998, inghad hekk :-

*"Ghalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta z-zmien jibda jitqies bhala twil izzejjed, ghax `the reasonableness of the duration of proceedings covered by Art. 6 (…) must be assessed in each case according to the circumstances (**Kongi vs Germany**), madankollu meta z-zmien prima faciae jidher twil, bhal ma indubbjament huwa fil-kaz tal-lum, ikun imiss ghall-istat intimat li juri li kien hemm cirkostanzi li jiggustifikaw dan id-dewmien (**Santilli vs Italy**, 19 ta` Frar 1991 [ECHR – A 194-DJ])".*

In sostenn tal-istanza tieghu, ir-rikorrent jaghmel referenza wkoll ghad-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali : **John Bugeja vs Avukat Generali** (11 ta` Awissu 2003) ; **Raymond Bonnici et vs Avukat Generali et** (2 ta` Marzu 2015) ; **David Marinelli vs Avukat Generali** (3 ta` Lulju 2008) ; **Francis Theuma vs Avukat Generali** (27 ta` Gunju 2003) ; **Said vs Avukat Generali** (11 ta` Novembru 2011) u **Malcolm Said vs Avukat Generali et** (14 ta` Jananr 2016).

Ir-rikorrent jirrileva illi l-kawza tirrigwarda rapport li sar fis-17 ta` Jannar 2004 dwar allegat pussess u traffikar ta` droga. Dakinhar stess kien arrestat, u rrilaxxja stqarrija fit-18 ta` Jannar 2004.

Ighid ir-rikorrent illi skont il-kazistika, wiehed mill-ewwel elementi li ghandu jitqies huwa jekk d-dewmien kienx gustifikat jew le minhabba n-natura u/jew komplessita tal-kaz.

Ighid illi fil-kaz in ezami. l-allegat pussess u traffikar kien ta` ammont zghir. Ma kienx kaz kompless u l-uniku esercizzju li kellha taghmel il-Prosekuzzjoni kien illi tressaq l-provi taghha. Il-kaz ma kellu jiehu disa` snin.

Skont ir-rikorrent, zewg elementi ohra huma l-kondotta tal-partijiet matul l-proceduri u l-mod kif il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita gudizzjarja.

Minn ezami tal-verbali, jirrizulta li kien hemm 29 seduta quddiem l-Ewwel Qorti, bl-ewwel seduta tkun fl-2009 u l-ahhar seduta tkun fit-28 ta` Ottubru 2016. Anke abbazi tal-verbali, jirrizulta li d-dewmien ma kienx imputabbli ghal nuqqas tieghu.

Jirrizulta li l-parti sostanzjali tal-proceduri twalu ghaliex il-prosekuzzjoni hadet tmien (8) snin sabiex taghlaq il-provi taghha. Fil-fatt dawn inghalqu fil-15 ta` Gunju 2015.

Ir-rikorrent jirrimarka li anke l-Magistrat li tat id-decizjoni lmentat fin-negattiv dwar l-operat tal-Prosekuzzjoni.

Ir-rikorrent jirrileva wkoll illi d-dewmien kien ingustifikat mill-bidu nett ghaliex anke sabiex tressaq quddiem il-qorti l-Prosekuzzjoni hadet tliet (3) snin.

Ir-rikorrent jissottometti illi meta jitqiesu c-cirkostanzi tal-kaz, ghandu jkun eskluz (a) li kien hemm dewmien gustifikabbli u (b) li d-dewmien seta` jkun attribwit lir-rikorrent. Iz-zmien li wassal ghas-sentenza specjalment sakemm inghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni, kien certament jaqbez iz-zminijiet normali li qorti ghandha tiehu sabiex tiddisponi minn kazi simili. Propju ghalhekk ir-rikorrent jikkontendi lit t-talbiet tieghu kellhom jigu akkolti.

## 2. L-intimat

L-Avukat Generali jissottometti li huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna u dik tal-ECHR illi x`ghandhom ikunu l-fatturi li ghandhom jittiehdu

fil-kazi ta` dewmien in relazzjoni mal-jedd ghal smigh xieraq. Fil-fehma tal-intimat, l-ebda wiehed minn dawn l-fatturi ma huwa konklussiv wahdu izda l-Qorti ghandha tara l-fatturi kollha separatament biex tqis l-effett kumulattiv fuq l-intier tal-proceduri sabiex tara jekk dawn gewx konkluzi fi zmien ragjonevoli ( **Said pro et noe vs Avukat Generali** : QK : 11 ta` Novembru 2011).

Skont l-intimat huwa accettat ukoll li ma hemm l-ebda limitu ta` zmien li ghandu jigi osservat minn qorti ghaliex altrimenti l-interess tal-gustizzja jigu ppregudikati b`ghagla zejda. Jispetta lir-rikorrenti li jipprova li mhux biss il-kaz tieghu dam pendenti izda illi dak d-dewmien kien kapriccjuz u ntiz sabiex johloq zvantagg kontra tieghu. L-intimat jirreferi ghall-kawza **Ciricosta u Viola vs Italy**, deciz mill-ECHR fl-4 ta` Dicembru 1995 fejn kien deciz illi waqt kawza civili li damet pendenti ghal aktar minn 15-il senama kienx hemm ksur tal-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Kompla jinghad mill-intimat illi ghalkemm ma setax jichad illi minhabba diversi ragunijiet kien hemm forsi dillungar zejjed, xejn ma sar b`mod kapriccjuz jew bl-intiza li jkun hemm zvantagg ta` xi wahda mill-partijiet.

L-intimat jirreferi ghall-process tal-kawza kriminali li skattat il-kawza tal-lum.

Ighid li minn analizi tal-verbali jirrizulta li l-ewwel seduta tal-kawza kriminali kienet fit-8 ta` Frar 2008. Minn hemm `il quddiem anke r-rikorrenti kien responsabbli ghal allegat dewmien ghaliex kien hemm seduti fejn ma sar xejn jew ghaliex kien r-rikorrent stess li talab differiment jew ghaliex r-rikorrent ma deherx ghaliex ma kienx debitament notifikat. Fit-23 ta` Jannar 2009, kien r-rikorrent stess li talab differiment. Fl-1 ta` Dicembru 2009, ir-rikorrent ma deherx ghalkemm kien gie notifikat. Fis-27 ta` Setttembru 2013, ir-rikorrent talab referenza kostituzzjonali u l-Qorti kellha tiddifferixxi sabiex jinghata digriet fit-3 ta` Dicembru 2013. Fit-12 ta` Marzu 2014, ir-rikorrent rega` ma deherx ghalkemm kien notifikat u kien immultat minhabba l-assenza tieghu. Fl-4 ta` Novembru 2014, ir-rikorrent rega` talab differiment u t-talba tieghu kienet milqugha.

Ghall-intimat dawn il-fatti huma ndikattivi li l-kawza tad-dewmien ma kenitx esklussivament in-nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni.

Fatt iehor rilevanti u eccezzjonali fl-istess hin kien illi l-Magistrat li

kienet qeghda tisma` l-kaz saret Imhallef u l-Magistrat li kompliet tisma` l-kawza kienet tehtieg zmien biex tiehu konjizzjoni tal-atti. Din kienet cirkostanza straordinajra u indipendenti mill-volonta tal-partijiet.

L-intimat jikkontendi li l-awtorita` gudizzjarja ma kellhiex responsabilitajiet kbar ghad-dewmien, ghalkemm fl-2009 u 2010, il-Qorti kienet allokat b`kollox erbgha (4) seduti fatt li certament ma ffacilitax l-ispeditezza tal-kawza. L-intimat jirrikonoxxi wkoll li meta d-difiza ghalqet il-kaz taghha fit-18 ta` Marzu 2016, is-sentenza nghatat fit-28 ta` Ottubru 2016, zmien ragonevoli ghall-intimat.

L-intimat isostni li ghalkemm kien hemm dewmien, dan ma kienx kapriccjuz u ingustifikat. Ghaldaqstant jekk kollox jittiehed in konsiderazzjoni, din il-Qorti m`ghandhiex issib lezjoni tal-jedd ghal smigh xieraq. Jekk il-Qorti jidhrilha li kien lezjoni, ir-rimedju ghandu jkun biss dak ta` kumpens morali mhux materjali (ara : **Gasan Enterprises Limited vs Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deciza fit-3 ta` Frar 2009; u **John A Said pro et noe vs Avukat Generali** deciza fil-11 ta` Novembru 2011).

L-intimat jaghti lista ta` decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali bil-kumpens morali li kien akkordat fil-kaz ta` kull wahda :-

**Major Peter Manduca vs Onor. Prim Ministru**
23 ta` Jannar 1995
€1,650.

**David Martinelli vs Avukat Generali et**
3 ta`Lulju 2008
€465.

**Gasan Enterprises Limited vs Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
3 ta` Frar 2009
€200.

**Francis Said et vs Avukat Generali**
3 ta Frar 2009
€6,000.

**John A. Said pro et noe vs Avukat Generali**
11 ta` Novembru 2011
€1,000.

**Joseph Camilleri vs Avukat Generali**
28 ta` Settembru 2012
€700.

**Emmanuel Portelli et vs Avukat Generali et**
22 ta` Frar 2013
€700.

**Dr. Tancred Busuttil vs Avukat Generali**
2 ta` Lulju 2013
€2,500.

**Joseph Gatt et vs Avukat Generali**
28 ta` Frar 2014
€ 3,000.

## III. L-ilment

Abbazi ta` dak li nghad fir-rikor promotur, ir-rikorrent qieghed jilmenta illi bil-fatt li huwa tressaq akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fis-6 ta` Ottubru 2008 meta r-reati li bihom kien mixli kienu jmorru lura ghall-2004, maghdud mal-fatt illi l-kawza kienet deciza u ghaddiet in gudikat fit-28 ta` Ottubru 2016, kien hemm lezjoni tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif imhares bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta ("**il-Kostituzzjoni**") u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ("**il-Konvenzjoni**").

## IV. Gurisprudenza

Fis-sentenza li tat fit-2 ta` Marzu 2015 fil-kawza "**Raymond Bonnici et vs l-Avukat Generali**", il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet riassunt ta` l-principji li jghoddu sabiex jitqies kienx hemm dewmien fi proceduri kriminali nkella le.

Il-Qorti qalet hekk :–

" … *Kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jiggarantixxu lil kull persuna akkuzata b`reat kriminali smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.*

*22. Madankollu, la l-gurisprudenza moghtija mill-Qrati Maltin u lanqas dik moghtija mill-Qorti Ewropeja ma stabbiliet termini rigidi u pre-determinati ghas-sinifikat tal-kliem "zmien ragonevoli."*

*23. Dak li gie stabbilit permezz tal-gurisprudenza msemmija huma tliet kriterji principali indikattivi tar-ragjonevolezza ta` dan it-tul taz-zmien u dawn huma :*

- *In-natura jew il-komplessita` tal-kaz ;*
- *Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza ;*
- *Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti.*

*24. Naturalment, sabiex Qorti tiddetermina jekk kienx hemm dewmien esagerat u irragjonevoli kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu.*

*25. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta` Mejju 2009 fl-ismijiet Francis Said v. L-Avukat Generali dik il-Qorti rriteniet illi :*

*"Huwa diskrezzjonali fil-gudikant li wara li jezamina l-fatti tal-kaz jara u jevalwa jekk iz-zmien dekors kienx accettabbli f`socjeta` demokratika."*

*26. Hekk ukoll il-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha moghtija fit-22 ta` Settembru 1992 fl-ismijiet Boddaert v. Belgium irriteniet is-segwenti :*

*"36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court`s case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment."*

*27. Kif ukoll sewwa rriteniet il-Qorti Ewropeja fis-sentenza ta` Boddaert hawn fuq imsemmija, minkejja li huwa importanti li l-proceduri gudizzjarji ma jdumux izzejjed, b`tali mod li d-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ma jkunx rispettat, huwa importanti wkoll li l-gustizzja tkun amministrata b`mod xierqa :*

*"Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice."*

[ara wkoll sentenzi ohra tal-Qorti Kostituzzjonali : **Sydney Ellul Sullivan vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (28 ta` Jannar 2013) ; **Anthony Camilleri et vs L-Avukat Generali et** (28 ta` Settembru 2012) ; **Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali** (15 ta` Dicembru 2015) fost ohrajn].

In partikolari dwar il-fattur taz-"*zmien ragonevoli*" fil-kuntest tal-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq, il-Qrati taghna esprimew ruhhom fis-sens illi t-tul taz-zmien *ut sic* jinvolvi element qawwi ta` diskrezzjonalita` fis-sens li l-gudikant ghandu jqis jekk tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien li hadet il-kawza sabiex tasal ghad-decizjoni finali kienx jeccedi dak li huwa normalment jkun accettabbli f`socjeta` demokratika. (Qorti Kostituzzjonali - **Emanuela Brincat vs L-Avukat Generali** - 21 ta` Frar 1996)

Huwa dmir tal-Istat li jassigura illi l-process gudizzjarju jkun jista` jipprocedi minghajr dewmien bla bzonn.

Il-Qorti Kostituzzjonali kellha okkazjoni tosserva illi l-fatt li l-Qrati ghandhom fuq spallejhom volum qawwi ta` kawzi hafna drabi jkun ostakolu ghall-prosegwiment spedjenti tal-kawzi. (**Joseph Gatt et vs L-Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali deciza 28 ta` Frar 2014)

Ghalhekk huwa dmir tal-Istat li, filwaqt li jirrispetta u jittutela dejjem l-indipendenza tal-Gudikatura, jaghmel disponibbli ghall-Gudikatura l-mezzi u r-risorsi kollha li tehtieg sabiex ikun assikurat li l-gustizzja tkun tista` titwettaq tassew fi zmien ragjonevoli.

Fuq dawn il-linji ppronunzjat ruhha l-Qorti Kostituzzjoni fid-decizjoni li tat fis-27 ta` Marzu 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Iris Cassar et vs L-Avukat Generali**.

Anke l-ECHR kienet cara fil-pronunzjamenti taghha.

Fid-decizjoni li tat fil-5 ta` Jannar 2018 fil-kaz ta` **Kaleja vs Latvia** inghad hekk :–

***(a) Period to be taken into consideration***

*36. The Court reiterates that in criminal matters, the "reasonable time" referred to in Article 6 § 1 begins to run as soon as a person is "charged". A "criminal charge" exists from the moment that an individual is officially notified by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence, or from the point at which his situation has been substantially affected by actions taken by the authorities as a result of a suspicion against him (see* ***Simeonovi v. Bulgaria*** *[GC], no. 21980/04, § 110, ECHR 2017 (extracts), and* ***Ibrahim and Others v. the United Kingdom*** *[GC], nos. 50541/08 and 3 others, § 249, ECHR 2016).*

…

***(b) Reasonableness of the length of proceedings***

*42. The Court reiterates that the reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and with reference to the following criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities, and what was at stake for the applicant (see, among many other cases,* ***McFarlane v. Ireland*** *[GC], no. 31333/06, § 140, 10 September 2010).*

## V. Fatti

**L-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Adrian Abela" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fit-28 ta` Ottubru 2016 huma l-unika prova li gabu l-partijiet ghall-fini tal-istanza tal-lum.**

Abbazi ta` dawn l-atti tirrizulta din il-kronologija ta` fatti :-

Ir-rikorrent kien akkuzat b`reati ta` pussess, bejgh u traffikar ta` droga li allegatament kienu sehhew fis-17 u fit-18 ta` Jannar 2004.

L-akkuzi hargu fis-17 ta` Awissu 2007. Ir-rikorrent kien imharrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fil-25 ta` Settembru 2007. Ir-referta pero` kienet negattiva.

Ghall-udjenzi tat-8 ta` Frar 2008 u tad-9 ta` Mejju 2008, l-imputat ma deherx.

Ghall-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2008, l-imputat deher izda ma tressqux provi mill-Prosekuzzjoni. Il-kawza thalliet ghas-26 ta` Jannar 2009.

Lejliet l-udjenza tat-23 ta` Jannar 2009, ir-rikorrentipprezenta rikors fejn talab differiment ghaliex kien ser ikun msiefer fuq xoghol. Ghalkemm it-talba kienet respinta, ir-rikorrent siefer xorta u fl-udjenza baqa` ma sar xejn . Il-Prosekuzzjoni baqghet ma tellghetx provi.

Lanqas l-udjenza sussegwenti (9 ta` Marzu 2009) ma saret ghaliex il-Prosekuzzjoni talbet differiment, ghalkemm l-imputat kien prezenti. Il-Qorti laqghet it-talba u halliet il-kawza ghall-15 ta` Gunju 2009.

Fil-15 ta` Gunju 2009, il-kawza, bhall-kawzi l-ohra li fihom l-Ispettur Norbert Ciappara kien il-prosekutur, kienu differiti ghat-13 ta` Lulju 2009.

Fit-13 ta` Lulju 2009, l-imputat deher izda ma sar xejn ghaliex l-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni ghal dik l-udjenza, ghalkemm kienet debitament imharrka u notifikata, ma dehritx. Il-Qorti mmultat ix-xhud u ordnat il-hrug ta` mandat ta` akkumpanjament ghall-udjenza ta` wara.

Fl-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2009, l-imputat deher u baqa` ma sar xejn. Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi.

Fl-istess udjenza, il-Qorti ghamlet komunika lill-Kummissarju tal-Pulizija li kienet tghid hekk :-

*Il-Qorti ghandha salt kawzi ta` l-Ispettur Josric Mifsud li ilhom ghaddejjin is-snin u ma jistax isir progress fihom. Meta suppost jidher ma jidhirx u* ***dan qed johloq dewmien bla bzonn fil-kawzi u jkisser il-ftit spazju li l-Qorti ghandha ghad-disposizzjoni taghha****.* (sottolinear ta` din il-Qorti).

***Il-Qorti ma tistax timxi bi prosekuturi li mhux preparati ghax lanqas biss ghandhom il-karti ta` l-investigazzjoni. F`Qorti tad-droga ma hemmx lussu ghall-hela ta` hin u ghal hekk jrid ikun hemm rieda soda li dawn il-kawzi jew jitkomplew bis-serjeta` jew jaghmlu wisa` ghal ohrajn li ma jistghux jigu appuntati. Il-Qorti tispera li din l-ahhar darba li ghamlet komunika fuq dawn il-kawzi.*** (sottolinear ta` din il-Qorti)

Il-kawza thalliet ghall-1 ta` Dicembru 2009.

Fl-1 ta` Dicembru 2009 baqa` ma sar xejn ghaliex ir-rikorrent deher wara li l-kawza kienet differita minhabba l-assenza tieghu.

Il-kawza thalliet ghal sitt xhur wara, bil-preciz ghall-4 ta` Gunju 2010. Dakinhar xehed l-Ispettur Norbert Ciappara li pprezenta l-istqarrija tar-rikorrent. Din l-ewwel prova tressqet sentejn u disa` xhur wara li r-rikorrent tharrek ghall-ewwel darba.

Is-seduta ta` wara, dik tal-25 ta` Ottubru 2010 ma saritx ghaliex il-kawza kienet assenjata lill-Magistrat Marse-Ann Farrugia. U baqghet ghall-4 ta` Marzu 2011 b`avviz li twahhal barra l-Awla tal-Magistrat.

Fl-udjenza tal-4 ta` Marzu 2011, ma sar xejn ghaliex l-imputat ma deherx ghax ma kienx notifikat. L-istess gara fl-udjenzi tas-17 ta` Gunju 2011 u tas-16 ta` Jannar 2012.

Fl-udjenza tat-30 ta` Mejju 2012, l-imputat ma deherx. Il-Qorti osservat illi fil-process ma kienx jirrizulta li kien hemm l-ordni tal-avukat Generali skont il-Kap 101 u l-Kap 31 dwar liema Qorti kienet ser tisma` l-kawza tal-akkuzat. Thalliet ghad-9 ta` Jannar 2013.

Baqa` ma sar xejn fis-seduta tad-9 ta` Jannar 2013 ghaliex l-imputat ghalkemm notifikat baqa` ma deherx. Il-Qorti ordnat il-hrug ta` mandat ta` arrest kontra tieghu ghas-seduta ta` wara u cioe` dik tas-27 ta` Mejju 2013.

Intant inbidel il-Magistrat li kienet qeghda tisma` l-kawza. Minflok il-Magistrat Dr Marse-Ann Farrugia dahlet il-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras.

Fl-udjenza tas-27 ta` Mejju 2013, deher l-imputat izda ma kienx hemm smigh ta` provi.

Imbaghad fl-udjenza ta` wara u cioe` dik tas-27 ta` Settembru 2013, l-avukat difensur tal-imputat *inter alia* talab referenza kostituzzjonali.

Fl-udjenza tat-3 ta` Dicembru 2013 il-Qorti cahdet it-talba ghal referenza kostituzzjonali u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Fl-udjenza li segwiet u cioe` dik tat-12 ta` Marzu 2014, ma sarx xejn ghaliex l-imputat ma deherx. Instab hati ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, immultat u kien ordnat il-hrug ta` mandat ta` arrest kontra tieghu ghall-udjenza ta` wara.

Fl-udjenza tal-14 ta` Mejju 2014 ghalkemm deher l-imputat, baqa` ma sar xejn ghaliex il-Prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tressaq il-provi.

Imbaghad fis-seduta ta` wara li kienet dik tat-2 ta` Lulju 2014, l-imputat deher tard wara li l-kawza kienet diga` giet differita.

Fis-seduta li segwiet, dik tat-12 ta` Novembru 2014, l-imputat talab differiment billi kien ghaddej minn program ta` riabilitazzjoni. Il-Qorti laqghet t-talba.

Fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2015, xehdu l-Ispettur Josric Mifsud u ex P.S. 994 Joseph Abela.

Fl-udjenza tal-15 ta` Gunju 2015, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Fis-seduta tal-11 ta` Novembru 2015, kienu regolati l-provi tad-difiza.

Fl-udjenza tat-18 ta` Marzu 2016, l-imputat ghazel li ma jixhedx. Bhala prova mill-imputat, kien prezentat dokument, u nghalaq il-gbir tal-provi mid-difiza. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta` Ottubru 2016.

Il-kawza kienet deciza bil-liberazzjoni tal-imputat fl-udjenza tat-28 ta` Ottubru 2016.

## VI. Vjolazzjoni

**Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi fil-kaz in ezami kien hemm dewmien ingustifikat u mhux ragonevoli li gab ksur tal-jedd ghal smigh xieraq tar-rikorrent, kif imhares bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.**

**Fejn jirrigwarda l-imgieba tal-Prosekuzzjoni**, irrizulta li kienu ghaddew kwazi sentejn u nofs wara l-ewwel seduta sakemm bdiet tressaq il-provi taghha.

Ghaliex din l-imgieba, baqa` mhux spjegat imkien.

Li certament irrizulta huwa li l-Prosekuzzjoni qalghet canfira b`sahhitha mill-qorti presjeduta mill-ewwel Magistrat ghall-inerzja taghha u ghall-*hela ta` zmien* (kliem dik il-Qorti) li kien qed ikun hemm.

Bhala fatt, il-Prosekuzzjoni hadet tmien snin biex tressaq il-provi taghha bil-gbir tal-provi taghha jkun effettivament limitat ghal zewg seduti biss.

Fil-bicca l-kbira tas-seduti ma sar xejn u kien biss jintalab differiment daqqa ghal raguni daqqa ghal ohra.

Din il-Qorti tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni illi l-kaz ma kien kompless xejn u ma kien hemm l-ebda raguni jew gustifikazzjoni ghala kien hemm dak id-dewmien kollu.

**Ghar-rigward tal-imputat**, dan ma deherx ghal numru ta` seduti.

Xi drabi ma deherx ghax ma kienx notifikat bit-tahrika biex jidher il-qorti. Drabi ohra, ghalkemm kien notifikat, baqa` ma deherx u kellhom jinhargu mandati ta` arrest kontra tieghu. Drabi ohra wasal tard ghall-udjenza meta din kienet diga` differita.

**Ghar-rigward tal-komportament tal-Qorti**, tosserva li l-kaz instema` minn tliet Magistrati differenti. L-aktar li damet il-kawza kienet

quddiem l-ewwel Magistrat li fil-fehma taghha ma kienx firm bizzejjed mal-Prosekuzzjoni sabiex tressaq il-provi taghha.

Meta dak il-Magistrat ma felahx aktar ghall-imgieba tal-Prosekuzzjoni, ordna l-komunika ta` verbal iebes lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Forsi li l-qorti kieku kienet aktar tempestiva fit-twiddib taghha tal-Prosekuzzjoni, il-kawza kien ikollha perkors inqas accidentat u iqsar.

Minghajr l-icken esitazzjoni, din il-Qorti tghid illi r-raguni ghad-dewmien ma kenitx imputabbli ghan-nuqqas ta` risorsi tal-Qorti.

Il-kawza hadet disa` snin, zmien oggettivament twil wisq ghal kawza ta` din ix-xorta li mill-bidu tal-ahhar kienet kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Kien hemm 28 seduta. Minn dawn, il-partijiet utilizzaw sitta (6) biss b`mod effettiv.

**Il-Qorti ssib li d-dewmien ma jistax jigi attribwit ghal parti wahda biss.**

**Li kieku l-Qorti kellha taghmel gradwatorja, tqieghed il-htija principali fuq spallejn il-Prosekuzzjoni ; matul dawk is-snin kollha ressqet biss tliet xhieda.**

**Segwita mill-Qorti qabel hadu l-kaz f` idejhom it-tieni u t-tielet Magistrat. Li kieku mill-bidu nett kienet ezercitata aktar dixxiplina u kontroll fuq l-iter tal-kawza u fuq il-komportament processwali tal-partijiet, il-kawza kienet tiehu zmien iqsar u aktar ragonevoli fic-cirkostanzi sabiex item il-perkors taghha. Incidentalment tajjeb jinghad illi meta kienet qeghda tosserva nerzja ngustifikata da parti tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi, il-qorti kien messha rriduciet it-tul ta` d-differimenti sabiex izomm lill-prosekuzzjoni *in check*.**

**Fl-ahhar nett ir-rikorrent minhabba assenzi tieghu. Fl-istess waqt, tajjeb jinghad illi meta kien imiss lir-rikorrent li jgib il-provi tieghu, ha seduta wahda biss biex iressaq il-provi kollha tieghu.**

**Tenut kont tal-assjem tal-provi, il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel talba.**

## VII. <u>Rimedju</u>

Ir-rimedju huwa trattat fit-tieni talba tar-rikorrent.

Fil-fehma taghha r-rimedju l-aktar effettiv ghar-rikorrent huwa l-ghoti ta` kumpens.

Il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent haqqu li jkun ikkompensat talli kien ivvjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kagun tad-dewmien irragonevoli li hadet il-kawza kriminali li kienet istitwita kontra tieghu sabiex tkun deciza, liema kawza ntemmet finalment bil-liberazzjoni tieghu minn kull imputazzjoni u piena.

Il-Qorti tghid illi fil-kaz in ezami l-kumpens li ghandu jircievi r-rikorrent huwa ghal danni morali.

Fis-sentenza li tat fil-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza **<u>Said vs Avukat Generali</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet :-

*"[m]adankollu din il-Qorti hi tal-fehma li f`każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma tagħti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal leżjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili."*

L-ECHR tat indikazzjonijiet specifici dwar l-likwidazzjoni li ghandha ssir ghal dewmien esagerat fi proceduri gudizzjarji.

Din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal zewg decizjonijiet tal-ECHR f`kazi istitwiti kontra Malta ghal allegata vjolazzjoni tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni. Dawn huma : **<u>Zarb vs Malta</u>** tal-4 ta` Lulju 2006 ; u **<u>Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Malta</u>** tal-24 ta` Ottubru 2006.

Fil-kaz ta` dewmien ta` ghaxar snin, l-ECHR tat kumpens ta` €7,500.

Fil-kaz ta` dewmien ta` tlettax-il sena, tat kumpens ta` €10,300.

Kull kaz ghandu l-fattispeci tieghu. Ghalhekk ikun zball jekk kollox jigi ridott ghal *rubber stamping exercise.*

Din il-Qorti dan certament mhux sejra taghmlu.

**Billi l-fatturi kontributorji tad-dewmien ma jistghux jigu attribwiti ghal cirkostanza wahda, u billi din il-Qorti tqis li fil-gradwatorja taghha tar-responsabilita`, ir-rikorrent ghandu jgorr l-anqas piz, ghaliex dawk li l-Istat huwa responsabbli ghall-agir taghhom, ghandhom igorru piz bil-ferm superjuri, bil-piz principali jkun tal-Prosekuzzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent ghandu jithallas l-ammont ta` erbat elef Ewro (€4,000) bhala kumpens morali ghall-vjolazzjoni riskontrata tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif tutelat bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba billi tillikwida favur ir-rikorrent kumpens morali fl-ammont ta` erbat elef Ewro (€4,000) ghall-vjolazzjoni li garrab kif fuq inghad tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif imhares bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.**

**Tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata ta` erbat elef Ewro (€4,000) bhala kumpens morali ghall-vjolazzjoni mgarrba kif fuq inghad.**

**Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**